MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 342/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**John Grima**
**Michael Grima**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti [John Grima detentur tal-karta tal-identita` numru 406752M u Michael Grima detentur tal-karta tal-identita` numru 184954M] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-30 t'Awissu 2007 fid-9.00 a.m. u matul il-granet ta' qabel u ta' wara go Garage No. 9, St. Joseph, Pawlu Farrugia Street, Qormi użaw sustanza fil-fond numru 9, St. Joseph Garage, Triq Pawlu Farrugia, Qormi, li qed tikkaguna theddida għas-sahha pubblika.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Lulju, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 20(1)(a) u 40 tal-Kapitolu 465, l-artikolu

22 tal-Kap. 466 sabet lill-appellanti ħatja skond l-akkuza iżda lliberathom bil-kondizzjoni illi ma jaghmilx reat iehor fi żmien tliet xhur. Inoltre l-Qorti ordnat illi l-appellanti jottomperaw ruhhom mar-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Espert John Muscat fi żmien xahar taħt penali ta' ħames Ewros kuljum fin-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhom ipprezentat fil-25 ta' Lulju, 2011, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u konsegwentement tilliberahom minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti nesiet li din il-kawza kienet kawza penali. Dan hu ovvju mill-mod kid iddecidiet – billi s-sentenza tal-Ewwel Qorti hi wahda li, bl-akbar rispett, manifestament skartat il-principji kollha sani li gew applikati għal għexieren ta' snin ghall-proceduri penali – li l-htija trid tinstab abbazi tal-provi prodotti u mhux tas-supposizzjonijiet, li l-possibilitajiet ma jwasslux għal htija u li meta l-provi kollha jippuntaw lejn direzzjoni wahda, u cioe` li l-ilment li wassal ghall-intavolar tal-kawza kien wiehed frivolu u vessatorju, l-Qorti kellha tghaddi sabiex tillibera.

Illi din hi kawza fejn kien hemm impossibilita` li tinstab il-htija u s-sejbien ta' htija hu ingustizzja kbira mal-appellanti, billi huma investew eluf ta' liri Maltin f'sistema li ftit hawn bhala f'Malta biex jassikuraw li hadd mill-girien taghhom ma jkollu l-icken inkonvenjent, imbaghad talli agixxew b'mod tant diligenti sabu lill-kwerelant li ghax sfortunatament jehda jaqbad man-nies, ghamlilhom rapport vessatorju, u l-appellanti sabu Qorti li ma skrutinatx il-provi sew izda telqet mill-premessa li la hemm rapport, dan bilfors li kellu xi gustifikazzjoni, minkejja li l-

prosekuzzjoni u anke l-espert tal-Qorti kkonkludew li ma xammew l-ebda rwejjah meta accedew fuq il-post.

L-appellanti jissottomettu li din il-Qorti għandha taghmel ezami akkurat tal-provvedimenti legali emanenti mill-Kap. 465 ghaliex dan l-Ewwel Qorti m'ghamlitux, izda l-ezercizzju hemmhekk hu car li kien sempliciment limitat ghal jekk l-ilment tal-kwerelant kienx imqar possibilment gustifikat, u la nstab li iva, instabet il-htija, tghid x'tghid il-ligi u jgibu xi jgibu provi l-akkużati. Dan mhux sew, ghaliex il-Qorti qeghda hemm biex tapplika l-ligi, u mhux biex taghmel dak li tħoss jew jidhrilha, meta dan ma jkunx jinkwadra fil-parametri tal-ligi. Dan hu dak li, sfortunatament, sehh fil-kaz odjern. Anke l-apprezzament tal-Ewwel Qorti tas-sottomissjonijiet li saru mid-difiza iqajjem suspett, bil-kummenti tal-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, fejn jidher li bl-akbar rispett l-Ewwel Qorti ma rriproducietx sew dak li ssollevat id-difiza. L-appellanti m'ghandhomx dubju izda li din il-Qorti ser taghmel analizi differenti minn hekk tal-kaz kollu, anke billi dan hu kaz li ser jolqot lill-appellanti serjament fil-gestjoni tan-negozju taghhom, u fil-qliegh tal-hobza taghhom ta' kuljum.

Illi l-Ewwwel Onorabbli Qorti m'għamlitx analiżi sew tal-artikolu 20(1)(a) tal-Kap 465 li jirrikjedi li s-supretendent ikun ta ordni qabel ma jinbdew il-proċeduri kriminali, li l-persuna ma tkunx obdiet l-ordni, li jkun sar rapport mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika lill-Pulizija Esekuttiva għall-inizjar tal-proċediment penali (art 38(1) tal-Kap 465) għaliex l-ordni ma tkunx ġiet obduta; li l-persuna akkużata tkun fil-fatt użat sustanza li tikkaġuna theddida għas-saħħa pubblika. L-element tar-reat huwa għal kollox differenti minn dak kontravenzjonali tal-inkonvenjent ravviżat taħt il-Kap 9.

Is-Supretendent qatt ma ta tali ordni lill-appellant. Lanqas ma hemm prova fil-proċess li sar rapport mis-Supretendent lill-Pulizija.

Ikkonsidrat

Li l-ewwelnett din il-Qorti ma tiddisturbax id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti jekk id-deċiżjoni tkun waħda li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għaliha.

Il-Qorti għalhekk eżaminat ix-xhieda mill-ġdid.

Mix-xhieda ta' **Dr.Peter Micallef** jirriżulta li hu kien eżamina mara anzjana, Rita Cardona, fi Triq il-Wied ġewwa Ħal-Qormi li kienet qed tbati minn qtigħ ta' nifs u problemi fl-istonku tagħha. Kienet issofri wkoll minn tqagħqigħa persistenti u li wisq probabbli kellha x'taqsam ma' 'allergic smell.' Hija allegat li jista' jkun li dan kien ġej minn xi fumes li ken hemm fl-area. Hu kien ta xi mediċina biex tikkontrolla l-allerġija u imbagħad ma rahiex aktar. It-tieni ċertifikat kien ta' Sebastian Cardona li joqgħod fl-istess post u kien qed jilmenta minn uġigħ ta' spiss f'rasu. Kien qed jallegali l-uġigħ kien ikkawżat minn thinner fumes.

**Pacifico Agius**, health inspector, ippreżenta ċertifikat mediku ta' Sebastian Cardona u omm l-istess Sebastian Cardona. Huwa xehed li kellhom ilment li kein hemm xi rwejjaħ ħerġin minn garage numru 9 Pawlu Farrugia Street, fejn isir xi spray tal-għamara fit-30 t'Awwissu ta' din is-sena. Il-garage huwa maqsum fi tlieta fejn fit-tieni parti jingħata l-ispray, F'din il-kamra tal-ispray hemm panel kbir u running water u taħtu wkoll ħalli l-ispray jaqbad magħha ħalli jnaqqas. Barra minn hekk dan l-apparat għandu wkoll extraction bil-filters. L-ispray isir ġo din il-kamra u jibqa' ħiereġ għal barra. Dan l-apparat kollu kien tħaddem quddiem dan ix-xhud. Huwa kien mar darbtejn iżda ma kienx qed jaħdem fuq xogħol ta' spray.

Fil-kontro-eżami huwa qal li ma kienx xamm spray iżda ma kienx qed isir xogħol ta' spray. Is-sistema tidher li hija waħda tajba.

Fit-30 ta' Settembru 2008, xehed **Sebastian Cardona** li qal li l-imputati kellhom graxx ħdejhom fejn kienu jużaw it-thinner tal-għamara jiġifieri jissprejjaw l-għamara. Iċ-ċumnija (li qegħda mal-bitħa tax-xhud) li tidher fir-ritratt kienet tal-imputati. Huwa qal li l-ispray kien dieħel għal

għandu, thinner il-ħin kollu. L-istroja kienet ilha sejra. U r-rapport kienu għamlu fit-30 t'Awwissu tas-sena 2007. Kienet għadha għaddejja sal-jum ta' qabel. Lilu kienet qed taqtgħlu nifsu u tistordih. Lil ommu kienet qed tistordiha.

Fil-kontro-eżami, huwa qal li kellu 47 sena u dejjem kien jgħid f'dak il-post. L-imputati kienu ilhom jaħdmu għal 27 sena. Qabel kienu jaħdmu bit-tajjara. Issa kien ilu jirrapporta madwar 17-il sena. Missieru kien ilu mejjet xi erba' jew ħames snin u kienu diġa' bdew jirrappurtaw. Biss dawn kienu l-ewwel proċeduri. Kienu bdew il-proċeduri qabel iżda ma setgħux ikomplu għax missierhom miet. Huwa nnega li bdew ir-rapporti meta l-imputati kienu rrapurtawh li kien qed jaħdem bla permess. Issa kienu ilhom bil-kwistjonijiet. Xehed ukoll li wkoll li kienu ftehmu fl-għassa biex jieqfu l-proċeduri x-xogħol xorta kompla. Kienu ftehmu iżda bil-kondizzjoni li ma tidħolx riħa għandu. Għalih kien għalxejn li jara s-sistema.

Fid-9 ta' Novembru 2010 xehed l-enġinier **John Muscat**. Huwa qal li kienu ġagħlu lill-appellanti jisprejjaw fil-preżenza tagħhom u marru fuq il-psot ta' Cardona u ma xammew xejn. Huwa kien irrakkommanda lil-ispray isir fl-ispraying booth u li ċ-ċumnija togħla bi tliet metri. Jekk ikun hemm abbuż, jiġifieri l-ispray ma jsirx fil-booth, ir-riħa toħroġ. Jekk l-ilma ma jinbidilx, torħoġ ir-riħa. Jekk l-ilma ma jassorbix spray għax ikun maħmuġ, l-ispray ser joħroġ miċ-ċumnija. (fol 47). Iċ-ċumnija togħla jekk is-sistema tal-filtering ma tinżammx sew. (fol 47).

Fir-relazzjoni tiegħu, l-espert maħtur mill-Qorti, waqt li għamel sitt rakkomandazzjonijiet (a fol 57), a fol 56 jgħid hekk:

'Il-fatt ma rnexxilniex inxommu xejn waqt li kien għaddej l-ispray, jindika li dan forsi jiġri meta l-aħwa Grima ma żammux mal-proċedura kollha murija lilhom jew ma kinux bidlu l-filtru spiss biżżejjed.'

Is-sitt rakkomandazzjoni tgħid hekk:

'Nirrakkomanda li ċ-ċumnija għandha togħla mill-inqas tliet metri oħra ħa tkun għolja ftit aktar minn tliet metri mill-ogħla parti fuq it-terrazzin ta' Cardona.'

**Xhieda Difiża**

Xehed l-imputat **Michael Galea** li qal li waqt li jisprejjaw jużaw l-apparat li għandhom. Huma jibdlu l-filters darba f'xahar. Mistoqsi mill-Qorti dwar kemm-il darba jibdlu l-filter, huwa qal darba kull tmint ijiem. Imbagħad qal iġibu filter ġdid wara xahar. (fol 61). Barra milli kellhom xi jgħidu mal-kwerelant, huma qatt ma kellhom xi nkwiet ma' ħadd ieħor. Huwa xehed li l-kwistjoni kienet inqalgħet fuq vann li kienu jipparkjaw quddiem il-bieb. Is-sistema kienet installata 13-il sena ilu u kienet swiet Lm3,500.

Fil-kontro-eżami huwa xehed li dejjem kienu jużaw l-ispray u t-tajjar. L-ispray booth ġieli jagħmlu ġimgħa ma jużawhiex u mhux dejjem kienu jżommu records ta' meta kienu jużaw l-ispray iżda kellhom records ta' meta kienu jbiddlu l-filter. Kineu jbiddlu l-filter darba f'xahar u jnaddfuh darba fil-ġimgħa.

Xehed ukoll l-imputat **John Grima** li qal li la l-espert qal li m'hemmx irwejjaħ, allura ma 'jaħsibx' li hemm għalfejn jagħmluha. Jekk issir ikollu jagħmel vent u dan l-aħħar darba qatugħhulhom għalkemm il-vent kien mal-ħajt tagħhom (fol 66).

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-espert kien qalilhom biex jgħollu naqra ċ-ċumnija u ma qalilhomx biex jgħollu ċ-ċumnija bilfors. (fol 68)

Xehed ukoll **Malcolm Micallef** li qal li kien preżenti waqt l-aċċess u li n-naħa ta' fuq tal-post ta' Sebastian Cardona mhux abitat. Meta kien hemm hu ma xammx riħa waqt li kien qed isir l-ispray. Jekk l-ilma ma tbiddlux regoalri, tgħaddi xi ftit riħa.

**Sebastian Cardona riprodott (fol 69)**

Fit-22 ta' Marzu, 2011, reġa' xehed Sebastian Cardona li kien mistoqsi mill-Qorti jekk kienx xamm ir-riħa minn meta mar l-espert. Huwa qal li kien xamm ir-riħa fid-disgħa ta' Marzu. Kien xamm ir-riaġa f'xi ġranet oħra. Iċ-ċumnija kienet għadha tal-istess livell. Huwa kien xamm ir-riħa meta ħareġ fil-bitħa. Ommu toqgħod l-istess post u għandha 86 sena. Din tbati min-nifs. Huwa jxomm ir-riħa anke mis-Sibt sal-Ħadd għax donnha tibqa' hemm.

Ikkonsidrat

Il-Qorti l-ewwel ser tikkonsidra jekk l-artikoli ċitati fis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti hux korretti jew le.

L-imputazzjoni tgħid:

'Użajt sustanza fil-fond numru 9, St Joseph Garage, Triq Pawlu Farrugia, Qormi li qed theddida għas-saħħa pubblika.'

Fis-sentenza l-Ewwel Onorabbli Qorti kkwotat l-artikoli 20(1)(a) u 40 tal-Kap 465.
Dawn l-artikoli jipprovdu kif ġej:

L-artikolu 20
**'20.** (1) Is-Suprintendent jista' jordna għall-finijiet ta' dan l-Att li xi oġġett, ħaġa jew sustanza li tikkaġuna theddida għas-saħħa pubblika:

(*a*) ma tigix importata, manifatturata, mibjugħa, użata,maħżuna jew trasportata jew tintmess b'kull mod li jkun;
(*b*) għandu jsir minnu jew minnha skond kull ordni li huwa jista' jimponi.

(2) Min ma jħarisx ordni tas-Suprintendent taħt is-subartikolu (1) ikun ħati ta' reat.

U l-artikolu 40

**‘40.** (1) Meta persuna tinsab ħatja ta’ xi reat kontra dan l-Att, il-qorti għandha, meta jkun meħtieġ, minbarra li tagħti piena, tordna lill-ħati jneħħi kull inkonvenjent li joriġina mir-reat jew, jekk iċ-ċirkostanzi jkunu hekk jeħtieġu, li jikkonforma ruħu mal-liġi, f ’kull każ f’dak iż-żmien li jista’ jiġi stabbilit mill-qorti għal dak l-għan u, fil-każ li ma jħarisx xi ordni bħal dik, huwa jista’ jeħel multa oħra ta’ mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) għal kull ġurnata li jibqa’ ma jħarisx il-liġi wara li jkun skada iż-żmien stabbil t kif hawn qabel imsemmi.’

Id-difiża ssottomettiet li hemm bżonn ta’ erba’ elementi biex ikun soddisfatt dak li jgħid l-artikolu 20: ordni tas-supretendent; l-imputat ma jkunx obda l-ordni; rapport mis-Supretendent tas-Saħħa lill-Pulizija esekuttiva biex jinbdew il-proċeduri; li l-persuna akkużata tkun użat is-sustanza.

Iżda aktar mill-preżenza jew assenza tal-elementi, din il-Qorti qed teżamina jekk l-artikolu 20(1)(a) u l-artikolu 40 tal-Kap 465 ikoprux l-imputazzjoni kif dedotta fiċ-ċitazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti l-artikolu 20(1)(a) tal-Kap 465 huwa wieħed purament proċedurali u mkien ma jsemmi b’mod dirett jew indirett dak li hemm allegat fl-imputazzjoni. L-artikolu 20(1)(a) huwa dwar il-poteri li għandu s-Supretendent li jordna li xi oġġett li jikkaġuna theddida għas-saħħa pubblika ma jintużax.

Fil-fehma tal-Qorti l-imputazzjoni aktar tinkwadra taħt l-Avviż Legali 441.07, it-Tieni Skeda (Regolament 13) ‘Kondizzjonijiet sabiex issir l-Attivita’ Kummerċjali’ fejn jingħad li ‘l-kondizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-postijiet kummerċjali kollha kemm jekk mhumiex liċenzjati u kemm jekk liċenzjati minn xi awtorita’ u regolati minn xi leġislazzjoni.’

Taħt il-kondizzjoni 02 insibu dan:

‘L-attivita’ kummerċjali ġestita fil-post u oġġettti maħżuna ġewwa l-post ma għandhomx:
02.1 ikunu ta’ sikkatura għan-nies tal-madwar;

02.2 ikunu tali li x'aktarx jagħtu lok għal ħruq jew splużjoni;
**02.3 ikunu jitfgħu irwejjaħ ħżiena, dħaħen, fwar, gassijiet, trabijiet jew inkella jitfgħu irwejjaħ noċivi jew offensivi fl-atmosfera li jistgħu iħassru jew jipperikolaw is-saħħa;**
02.4 jikkaġunaw sikkatura bil-ħoss tagħhom;'

Fil-fehma tal-Qorti r-referrenza kellha tkun għall-paragrafu li jidher b'ittri grassi jew għal xi artikolu ieħor fil-Liġijiet ta' Malta li jista' jkun aktar adattat iżda mhux għall-artikolu 20(1)(a) tal-Kap 465.

Il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm għalfejn tidħol fl-artikolu 40 ukoll ġaladarba waslet għall-konklużjoni li tidher fil-paragrafu ta' qabel dan dwar l-artikolu 20(1)(a) tal-Kap 465.

Skont ġurisprudenza kostanti, is-sentenza trid tespeċifika l-artikolu in kwistjoni. Hawn il-Qorti qed tirreferi għas-sentenza mogħtija fit-2 ta' Marzu, 2001 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus John Sultana' [1] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

'L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li s-sentenza mogħtija kontra l-imputat għandu jkollha fiha fost affarijiet oħra l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li jkun jikkontempla r-reat li tiegħu dak li jkun ikun instab ħati. S'intendi jekk l-artikolu tal-liġi ċitat fis-sentenza jkun jew ineżistenti jew jiġi ċitat b'artikolu ieħor, dan ikun daqslikieku l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat ma ġiex indikat. Kif dejjem ġie ritentut, tali difett jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali.'

## Konklużjoni

Għaldaqstant, il-Qorti qed tiddikjara s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fid-19 ta' Lulju 2011, bħala nulla. Iżda qed tagħti ċans lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża biex jew illum

[1] Vol LXXXV 2001 part IV paġina 150

stess malli tinqara s-sentenza jew f'data oħra isiru l-aħħar sottomissjonijiet  biex din il-Qorti tiddeċiedi l-mertu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------